

## III

(Atti preparatorji)

## KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

## 438 SESSJONI PLENARJA TAL-KTR IS-26 U S-27 TA' OTTUBRU 2007

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Il-Green Paper dwar titjib fl-effiċjenza ta' l-infurzar tas-sentenzi fl-Unjoni Ewropea: Is-sekwestru ta' kontijiet bankarji"**

COM(2006) 618 finali

(2008/C 10/02)

Nhar l-24 ta' Ottubru 2006, il-Kummissjoni Ewropea ddeċiediet, b'konformità ma' l-Artikolu 262 tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, li tikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar: *il-Green Paper dwar titjib fl-effiċjenza ta' l-infurzar tas-sentenzi fl-Unjoni Ewropea: is-sekwestru ta' kontijiet bankarji*.

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar it-18 ta' Lulju 2007. Ir-rapporteur kien is-**Sur Pegado Liz**.

Matul l-438 sessjoni plenarja tiegħu li nżammet is-26 u s-27 ta' Settembru 2007 (seduta tas-26 ta' Settembru), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-opinjoni b'131 voti favur, vot wieħed kontra u 6 astensjonijiet.

## 1. Sintesi

1.1 B'din il-Green Paper u bħala segwitu għal serje ta' inizjattivi immirati li jstabbilixxu żona ġuridika Ewropea, il-Kummissjoni qiegħda tnedi proċess ta' konsultazzjoni dwar il-possibbiltà li toħloq strument leġiżlattiv Komunitarju sabiex jirrendi l-infurzar ta' talbiet ta' krediti monetarji aktar effiċjenti, billi jiġi żgurat li flus f'kontijiet bankarji tad-debitur fi kwalunkwe Stat Membru jiġu ffriżati malli jibdedew il-proċeduri.

1.2 Fuq il-bażi ta' din il-Green Paper, li ma tistax tiġi kkunsidrata mingħajr ma jinqara d-dokument ta' ħidma anness magħha <sup>(1)</sup> u l-istudju ikkommissjonat li fuqu hija bbażata, jidher li l-Kummissjoni qiegħda tik-kunsidra li tipproponi regolamentazzjoni fakultattiva li tiddefinixxi s-sistema legali għal ordni ta' sekwestru Ewropea fil-forma ta' sekwestru preventiv ta' kontijiet bankarji; irrISPETTIVAMENT tan-natura tad-dejn jew l-istatus tal-partijiet involuti. Madankollu, hemm xi inkonsistenzi kunċettwali fid-definizzjoni ta' l-ambitu oġġettiv u suġġettiv tal-miżura, u t-traduzzjoni f'xi lingwi tad-dokument tal-Kummissjoni m'humiex partikolarment affidabbli.

1.3 Ma kien hemm l-ebda studju ta' l-impatt ta' miżura ta' din it-tip, u l-istudji komparattivi tal-liġi li fuqhom hija bbażata jikkunsidraw biss 15 mis-27 Stat Membru. F'dawn iċ-ċirkustanzi l-Kumitat, filwaqt li jaqsam il-preokkupazzjonijiet tal-Kummissjoni, ma jikkunsidrax li l-bżonn ta' din it-tip ta' miżura huwa ċar biżżejjed f'termini ta' sussidjarjetà u ta' proporzjonalità: riżultat ekwivalenti forsi jista' jinkiseb b'mod sodisfaċenti sempliċement billi jiġu mibdula żewġ dispożizzjonijiet tar-Regolament Brussell I.

(1) SEC(2006) 1341.

1.4 Il-Kumitat l-anqas ma jsib ġustifikazzjoni loġika għal fatt li l-ambitu ta' inizjattiva ta' din in-natura jiġi limitat għas-sekwestru kawtelarju ta' flus depożitati f'kontijiet bankarji. Il-Kumitat jissuġġerixxi li l-ambitu għandu jiġi estiż sabiex ikopri l-assi mobbli l-oħra tad-debitur u, sekwestru wara li tinħareġ ordni ta' sekwestru. Il-Kumitat jikkunsidra wkoll li huwa kruċjali li jiġi żgurat li din il-miżura tkun akkumpanjata minn inizjattiva dwar it-trasparenza tal-kontijiet tal-bank, dwar l-obbligu li tipprovdi informazzjoni u dwar il-kunfidenzjalità meħtieġa u r-regoli tal-protezzjoni tad-data.

1.5 Il-Kumitat jaqbel mal-Kummissjoni li, jekk l-introduzzjoni ta' miżura ta' din it-tip tkun meqjusa bħala assolutament neċessarja, l-istrument adattat ikun regolamentazzjoni fakultattiva sabiex jiġu ffriżati l-kontijiet bankarji ta' debitur fi Stati Membri barra minn dak li fih jgħix il-kreditur jew fejn hu bbażat n-negozju tiegħu.

1.6 Fuq din il-bażi, u sabiex jikkonforma kompletament mat-talba tal-Kummissjoni għal Opinjoni, il-Kumitat avvanza sett iddettaljat ta' rakkomandazzjonijiet tekniċi u legali sabiex jiddefinixxi dik li huwa jqis l-aktar sistema adattata għall-inizjattiva, speċjalment fejn tidħol il-ġurisdizzjoni tal-qorti, il-kundizzjonijiet li taħtom tista' tingħata ordni, il-limiti fuq l-ammonti li jstgħu jiġu sekwestrati, eżenzjonijiet, garanziji għall-ħarsien tad-debitur u ta' partijiet terzi titolari ta' kontijiet konġunti fejn hemm responsabbiltà indaqs, jew kontijiet fejn ir-responsabbiltà hija proporzjonata, appelli u skadenzi, is-sistema ta' l-ispejjeż legali, l-obbligi u r-responsabbiltajiet tal-banek fejn jinstabu l-kontijiet ikkonċernati, u r-regoli tal-liġi privata nazzjonali u internazzjonali li jstgħu jkunu japplikaw ukoll.

## 2. Sintesi tal-Green Paper

2.1 B'din il-Green Paper, il-Kummissjoni qiegħda tnedi l-konsultazzjoni fost il-partijiet interessati dwar kif tista' ttejjeb l-infurzar ta' talbiet ta' krediti monetarji. Hija tipproponi l-ħolqien ta' sistema Ewropea għas-sekwestru ta' kontijiet tal-bank bħala soluzzjoni possibbli.

2.2 Il-Kummissjoni tibda' billi tidentifika il-problemi attwali fl-infurzar ta' proċeduri ċivili fiż-żona ġuridika Ewropea' li tirriżulta mill-frammentazzjoni ta' regoli nazzjonali f'dan il-qasam, u tirrikonoxxi li r-Regolament (KE) 44/2001 (Brussell I) <sup>(2)</sup> "ma jggarantix li rimedju protettiv bħal mhu sekwestru bankarju miksub ex parte jkun rikonoxxut u infurzat fi Stat Membru ieħor għajr f'dak li jkun ħareġ ir-rimedju".

2.3 Fil-fehma tal-Kummissjoni, dan in-nuqqas jista' potenzjalment jfixkel il-kompetizzjoni bejn in-negozji, skond l-effettivitàtas-sistemi ġudizjali tal-pajjiżi minn fejn joperaw dawn in-negozji. Għalhekk tista' tkun ta' ostaklu għall-operazzjoni bla xkiel tas-suq intern, li jirrikjedi effiċjenza u ħeffa uniformi fl-irkupru ta' krediti monetarji.

2.4 Għalhekk il-Kummissjoni qiegħda tressaq il-proposta sabiex toħloq "ordni Ewropea għas-sekwestru ta' kontijiet bankarji li tippermetti lill-kreditur jiżgura somma flus dovuta lilu jew mitluba minnu billi ma jħallix li jsiru ċaqliq jew trasferimenti ta' fondi miżmuma bħala kreditu tad-debitur tiegħu fwiehed mill-kontijiet bankarji jew aktar fit-territorju ta' l-Unjoni Ewropea" u toffri analiżi ddetaljata għal qafas legali possibbli għal dan il-għan, il-parametri tiegħu jiġu stabbiliti fil-forma ta' 23 mistoqsija.

## 3. Il-kuntest ta' l-inizjattiva

3.1 Din l-inizjattiva tidħol bir-raġun fil-qafas aktar wiesa' ta' sett ta' miżuri li l-Kummissjoni adottat bil-għan rakkomandabbli li tinħoloq żona ġudizjarja Ewropea li tipprovdi appoġġ legali għat-tkomplija tas-suq

<sup>(2)</sup> Regolament tal-Kunsill 44/2001/KE tat-22 ta' Diċembru 2000 dwar il-ġurisdizzjoni, ir-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali (Brussell I), fil-ĠU L 12, 17/1/2001. Opinjoni tal-KESE dwar din il-kwistjoni mfassla mis-Sur Malosse (CES 233/2000 ta' l-1 ta' Marzu 2000, fil-ĠU C 117, 26/4/2000).

intern <sup>(3)</sup>, b'mod partikolari wara t-trasformazzjoni tal-Konvenzjoni ta' Brussell f'Regolament tal-Komunità u r-Regolament <sup>(4)</sup> li joħloq Ordni Ewropew ta' Infurzar <sup>(5)</sup>.

3.2. Il-Kummissjoni għandha raġun fil-kummenti prattiċi tagħha dwar il-problemi ta' infurzar ta' sentenzi fil-pajjiżi differenti ta' l-Ewropa u dwar id-differenzi fir-regolamenti li jiggvernaw dawn is-sentenzi li jirriżulta f'nuqqas ta' armonizzazzjoni fil-livell ta' l-UE tal-proċess ta' infurzar, bil-konsegwenzi li l-Kummissjoni indikat korrettament <sup>(6)</sup> Irid jingħad li dawn il-konsegwenzi ser ikomplu jsiru agħar bid-dħul reċenti ta' 12-il Stat Membru ġdid. F'din il-Green Paper, madankollu, il-Kummissjoni ma teżaminax l-inizjattiva tagħha fir-rigward tal-piċċi kruċjali tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità.

3.3. Dan ma jfissirx li l-istess riżultat, jew riżultat b'effetti simili, ma setax jintlaħaq sempliċement billi jiġu emendati dispożizzjoni jew tnejn fir-Regolament Brussell I (jiġifieri Artikoli 31 u 47), li jestendu l-ambitu tagħha filwaqt li jżommu s-sistema eżistenti. Dan kien ikollu benefiċċji ċari f'termini ta' semplifikazzjoni <sup>(7)</sup>.

<sup>(3)</sup> Fost l-oħrajn, dawn jinkludu:

- Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni intitolata "Pjan ta' Azzjoni dwar l-aċċess tal-konsumatur għall-ġustizzja u rimedju fit-tilwim dwar il-konsum fis-suq intern", 14 ta' Frar 1996 (COM (96) 13 finali).
- Komunikazzjoni mill-Kummissjoni bit-titlu "Lejn effiċjenza akbar fil-kisba u l-infurzar tas-sentenzi fl-Unjoni Ewropea" [COM(97) 609 finali fil-ĠU Ċ 33 ta' 31.1.1998]
- Green Paper dwar l-aċċess tal-konsumaturi għall-ġustizzja u rimedju fit-tilwim dwar il-konsum fis-suq intern, [COM (93) 576 finali].
- Green Paper dwar riżoluzzjoni alternattiv tat-tilwim fil-liġi ċivili u tal-kummerċ [COM(2002) 196 finali ta' 19.4.2002].
- Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' Mejju 1995 dwar iż-żmien tal-ħlas fit-transazzjonijiet kummerċjali u l-Komunikazzjoni l-oħra rilevanti fil-ĠU L 127 tas-6 ta' April 2004 dwar l-infurzar fil-qasam tas-sigurtà fit-toroq, ĠU L 127 ta' 10.6.1995 u ĠU Ċ 144 ta' 10.6.1995.
- Direttiva 98/27/KE tad-19 ta' Mejju 1998, dwar inġunzjonijiet għall-ħarsien ta' l-interessi tal-konsumaturi fil-ĠU L 166 ta' 11.6.1998.
- Direttiva 2000/35/KE tad-29 ta' Ġunju 2000, il-ġlieda kontra ħlasijiet tard fi transazzjonijiet kummerċjali, fil-ĠU L 200 ta' 8.8.2000.
- Regolament tal-Kunsill 44/2001/KE tat-22 ta' Diċembru 2000 dwar il-ġurisdiżjoni, ir-rikonossiment u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali (Brussell I), fil-ĠU L 12, 16.1.2001. Ir-rapporteur għall-Opinjoni tal-KESE dwar din il-kwistjoni kien is-Sur Malosse (CES 233/2000 ta' l-1 ta' Marzu 2000, fil-ĠU Ċ 117, 26.4.2000).
- Ir-Regolament (KE) Nru. 2004/805 tal-21 ta' April 2004 li joħloq Ordni Ewropew ta' Infurzar għal talbiet mhux kontestati, ĠU L 143, 30.4.2004 Ir-rapporteur għall-Opinjoni tal-KESE dwar dan is-suġġett kien is-Sur Ravoet (CES 1348/2002 tal-11 ta' Diċembru 2002, fil-ĠU Ċ 85, 8.4.2003).
- Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 1206/2001/KE tat-28 ta' Mejju 2001 dwar il-kooperazzjoni bejn il-qrati ta' l-Istati Membri fit-tehdid ta' l-evidenza fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali fil-ĠU L 174, 27.6.2001. Ir-rapporteur għall-Opinjoni tal-KESE dwar dan is-suġġett kien is-Sur Hernández Bataller (CESE 228/2001 tat-28 ta' Frar 2001, fil-ĠU Ċ 139, 11.5.2001).
- Programm ta' miżuri ta' implimentazzjoni għall-prinċipju ta' rikonossiment reċiproku tad-deċiżjonijiet fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali (ĠU Ċ 12 ta' 15.1.2001).
- Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1346/2000 tad-29 ta' Mejju 2000 dwar proċedimenti ta' falliment, ĠU L 160, 17.7.2000; Ir-rapporteur għall-Opinjoni tal-KESE dwar dan is-suġġett kien is-Sur Ravoet (CESE 79/2001 tas-26 ta' Jannar 2001, fil-ĠU Ċ 75, 15.3.2000).
- Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1347/2000 tad-29 ta' Mejju 2000 dwar il-ġurisdiżjoni, ir-rikonossiment u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' potestà tal-ġenituri fuq it-tfal taż-żewġ konjuġi *idem.* Ir-rapporteur għall-Opinjoni tal-KESE dwar din il-kwistjoni kien is-Sur Braghin (CES 940/1999 ta' l-20 ta' Ottubru 1999, fil-ĠU Ċ 368, 20.12.1999).
- Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 1348/2000 tad-29 ta' Mejju 2000 dwar is-servizz fl-Istati Membri ta' dokumenti ġudizzjarji u extra-ġudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali; *idem.* Ir-rapporteur għall-Opinjoni tal-KESE dwar dan is-suġġett kien is-Sur Hernández Bataller (CESE 947/1999 tat-21 ta' Ottubru 1999, fil-ĠU Ċ 368, 20.12.1999).
- Deċiżjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Mejju 2001 li tistabbilixxi Network Ġudizzjarju Ewropew fil-materji ċivili u kummerċjali (ĠU L 174 ta' 27.6.2001). Ir-rapporteur għall-Opinjoni tal-KESE dwar dan is-suġġett kien is-Sur Retureau (CESE 227/2001 tat-28 ta' Frar 2001, fil-ĠU Ċ 139, 11.5.2001).
- Ir-Regolament (KE) Nru. 1896/2006 tat-12 ta' Diċembru 2006 li joħloq proċedura għal ordni ta' ħlas Ewropea. Ir-rapporteur għall-Opinjoni tal-KESE dwar dan l-abbozz ta' regolament (COM(2004) 173 finali ta' 19.3.2004) kien is-Sur Pegado Liz (CESE 133/2004 ta' l-22.2.2005, fil-ĠU Ċ 221, 8.9.2005).
- Proposta għal Regolament (KE) li jistabbilixxi Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar (COM(2005) 87 finali tal-15.3.2005). Ir-rapporteur għall-Opinjoni tal-KESE dwar dan is-suġġett kien is-Sur Hernández Bataller (CESE 243/2006 tat-28 ta' Frar 2001, fil-ĠU Ċ 139, 11.5.2001).

<sup>(4)</sup> Regolament (KE) Nru 44/2001/44/ ta' 22.12.2000. Ir-rapporteur għall-Opinjoni tal-KESE kien is-Sur Malosse (ĠU Ċ 117, 6.4.2000).

<sup>(5)</sup> Regolament (KE) Nru 805/2004 tal-21.4.2004, ibbażat fuq prosposta 2000 COM(2002) 159 finali, 27.8.2002. L-Opinjoni tal-KESE CESE 1348/2002 tal-11 ta' Diċembru 2002, rapporteur is-Sur Ravoet (ĠU Ċ 85, 8.4.2003).

<sup>(6)</sup> B'mod speċifiku fil-Komunikazzjoni bit-titlu "Lejn effiċjenza akbar fil-kisba u l-infurzar tas-sentenzi fl-Unjoni Ewropea" (ĠU Ċ 33 ta' 31.1.1998).

<sup>(7)</sup> Dawn iż-żewġ artikoli huma wesgħin ħafna, u b'hekk l-interpretazzjoni li trid tiġi adottata trid tittieħed mill-każistika, b'mod speċifiku l-każ Denilauer (Sentenza C-125/79 tal-21.05.1980, pġ.1553) dwar l-Artikolu 31. Kwistjonijiet li jirrigwardaw limiti ta' żmien, mekkaniżmi ta' *exequatur*, il-kondizzjonijiet sabiex il-każ jitressaq (il-ħtieġa li tiġi pprovata "*fumus bonus iuris*" u "*periculum in mora*"), il-mezzi/l-garanziji għad-difiża u l-ammonti li jistgħu jiġu sekwestrati/eżentati jistgħu jkunu suġġetti għaż-żewġ artikoli li hemm referenza għalihom hawn fuq, u jwessgħu l-ambitu tal-miżuri u b'hekk jilhqgħu l-għanijiet tal-proposta tal-Kummissjoni.

3.4. Il-Kummissjoni għadha ma għamlitx valutazzjoni ta' l-impatt preliminari, li trid tqis mhux biss il-15 Stat Membru li s-sitwazzjoni tagħhom ġiet analizzata fl-istudju li fuqu l-Green Paper hija bbażata <sup>(8)</sup>, iżda ta' l-Istati Membri kollha bħalissa. Trid tiġi akkumpanjata minn valutazzjoni serja tal-miżuri mmirati li jiżguraw trasparenza akbar fir-rigward ta' l-assi tad-debitur u l-aċċess għall-informazzjoni essenzjali dwar il-kontijiet bankarji tagħhom (bir-rispett dovut għall-protezzjoni ta' segretezza bankarja), għaliex huwa biss billi jitqiesu dawn il-fatturi kollha li tista' ssir valutazzjoni korretta ta' l-inizjattiva f'termini ta' (a) il-bżonn ta' l-eżistenza tagħha, (b) l-ambitu tagħha (c) il-ġustifikazzjoni għaliha.

#### 4. Kummenti Ġenerali

4.1. Il-Kumitat qasam il-kummenti tiegħu f'żewġ kategoriji:

- a) Kummenti ġenerali dwar kwistjonijiet sostantivi dwar in-natura u l-ambitu tad-dispożizzjoni u
- b) Kummenti speċifiċi dwar kwistjonijiet ta' proċedura.

4.2. *Kwistjoni preliminari: termini u kunċetti*

4.2.1. Peress li l-Green Paper x'aktarx ser tiġi segwita minn strument legali (probabbilment fil-forma ta' regolament Komunitarju), it-termini użati sabiex jidentifikaw il-kunċetti ser jiddefinixxu n-natura ta' l-ordni -ta' proċedura li ser toħroġ minnhom u għalhekk iridu jkunu legalment u teknikament preċiżi u rigorużi ħafna f'kull lingwa tal-Komunità.

4.2.2. Is-sitwazzjoni attwali hija li ta' l-anqas f'ħames verżjonijiet lingwistiċi <sup>(9)</sup>, it-termini użati mill-Kummissjoni sabiex tidentifika it-tip ta' miżura li qiegħda tikkontempla huma ambigwi u mhux neċessarjament ekwivalenti. Dan jista' jwassal għal konfużjoni teknika jew legali fir-rigward tan-natura legali tad-dispożizzjoni. Il-Kummissjoni għahekk għandha taġixxi malajr sabiex tiżgura l-eżattezza tat-traduzzjonijiet, sabiex tiġi evitata l-inċertezza li tinħoloq sempliċement mill-użu skorrett tat-terminoloġija <sup>(10)</sup>.

<sup>(8)</sup> Prof. Dr. Burkhard Hess, Direttur ta' l-Istitut tal-Liġi Internazzjonali Komparattiva u Privata fl-Università ta' Heidelberg, li tista' tinstab f': [http://ec.europa.eu/justice\\_home/doc\\_centre/civil/studies/doc\\_civil\\_studies\\_en.htm](http://ec.europa.eu/justice_home/doc_centre/civil/studies/doc_civil_studies_en.htm).

<sup>(9)</sup> Dawk li r-rapporteur huwa familjari magħhom. Sfortunatament m'hux wiex profiċjenti fit-22 l-oħra.

<sup>(10)</sup> It-terminu Inġliż *attachment*, anke fis-sens legali/tekniku tiegħu, huwa ambigwu, peress li jista' jirreferi għal dak li fil-Portugiż huwa msejjaħ jew *penhora* kif ukoll *arresto*. Anke fl-Inġliż, minħabba fin-natura legali tal-miżura, kien ikun aħjar li kieku ntuża t-terminu *arrestment* jew *freezing order*, sabiex tinħoloq distinzjoni bejn dan il-kunċett u dak ta' *garnishment*. Barraminhekk, hija biss it-traduzzjoni Taljana *sequestro conservativo* — li tesprimi b'mod korrett n-natura ta' prevenzjoni u restrizzjoni tal-miżura; It-terminu Franċiż *saisie*, bl-ispejga addizzjonali li tista' tiġi *delivrée par un tribunal siègeant en référé, tilħaq l-iskop*; it-terminu Spanjol *embargo* tinħass li mhux adegwata sabiex tesprimi l-iskop tal-miżura. **Fi kwalunkew każ, fil-Portugiż, l-użu tal-kelma *penhora* huwa kompletament żbaljat u għandha tinbidel ma' *arresto*.**

4.2.3. Mill-analisi tal-kundizzjonijiet proposti (il-bżonn li jiġi pprovat *fumus boni iuris u periculum in mora*) u l-iskop (l-ifrizzar u ż-żamma tad-depożiti fil-kontijiet bankarji sa l-aħħar sentenza u l-infurzar fil-proċedimenti ċivili sabiex jiġu rkuprati assi monetarji — ovvjament dawk ta' natura ċivili jew kummerċjali u mhux dawk li jirriżultaw minn proċeduri kriminali), jidher li jkun ġust li wieħed jikkonkludi li din hija **ordni protettiva fil-forma ta' sekwestru kawtelarju**.

4.3. *L-ambitu tal-miżura* <sup>(11)</sup>

4.3.1. Il-Kumitat għandu d-dubbi wkoll dwar il-limiti fuq l-ambitu tal-miżura protettiva għall-"kontijiet bankarji."

4.3.2. Is-sekwestru ta' assi monetarji, li bil-fors irid ikun universali, għandu japplika għall-assi kollha tad-debitur sa l-ammont li ġie ordnat li jinqabad. Rimedju protettiv bħal dak li ġie propost jista' jolqot assi oħra tad-debitur sabiex potenzjalment jinqabdu, inklużi titoli ta' debitu, ishma, bonds b'obligazzjoni, intitolamenti oħra u pretenzjonijiet minn partijiet terzi u mhux biss flus depożitati f'ċerti kontijiet bankarji jew kontijiet f'tipi ta' istituzzjonijiet finanzjarji oħra. M'hemm l-ebda raġuni għala wieħed għandu jassumi li tkun xi ħaġa kkumplikata wisq li twessa' l-ambitu tal-miżura sabiex tkopri, ta' l-anqas, propjetà mobbli li m'għandhiex bżonn tiġi reġistrata kif ukoll il-pretenzjonijiet ta' debitor għall-flus (inklużi ishma, bonds b'obligazzjoni, kirijiet u dħul ieħor, flus li jrid jieħu minn partijiet terzi, eċċ.), jiġifieri propjetà mobbli marbuta direttament ma' kont bankarju.

4.3.3. Barraminhekk, ma jidherx li hemm xi ġustifikazzjoni għal-limitu ta' l-ambitu ta' l-istrument tal-Komunità għas-sekwestru kawtelarju tal-kontijiet bankarji: tista' tiġi estiża b'mod utli, bil-bidliet neċessarji kollha, sabiex tkopri is-sekwestru ta' dawn l-assi wara li tkun ħarġet ordni ta' l-infurza, peress li l-istess tip ta' diffikultà fir-rigward tas-sekwestru u l-għajbien ta' beni (li iffurmat il-ġustifikazzjoni tal-miżura) jista' jseħħ dak il-ħin ukoll.

4.3.4. Il-Kummissjoni għalhekk għandha tivvaluta sewwa u tiġġustifika il-valur u l-ispiża ta' miżura li tkopri biss is-sekwestru kawtelarju tal-flus miżmuma fil-kontijiet bankarji tad-debitur.

4.4. *Iż-żmien tat-talba għal ordni ta' sekwestru*

4.4.1. Il-kwistjoni taż-żmien ta' l-applikazzjoni għal ordni protettiva tiġi riżolta awtomatikament bin-natura tagħha stess, kif indikat hawn fuq. B'konformità ma' l-aħjar prattika legali, għandu jkun possibbli li wieħed japplika għal ordni protettiva fi kwalunkwe punt tal-proċess legali li jirrelata miegħu, u b'mod aktar speċifiku qabel il-bidu ta' l-azzjoni prinċipali, bħala proċedura preparatorja u preventiva, għaliex dan huwa meta hija l-aktar ta' użu prattiku.

<sup>(11)</sup> Fil-fehma tal-Kumitat, dan għandu jkun limitat għad-dejn ċivili u kummerċjali.

4.4.2. Wieħed irid jagħti kas tal-karatteristiċi speċifiċi ovvji tar-reġime, li tiddependi minn jekk ir-rimedju protettiv iseħħx qabel ma titqajjem l-azzjoni prinċipali jew deċiżjoni li tivvalida l-pretensjoni tkun ittiedhet, qabel jew waqt proċedura ta' infurzar, jew jekk ikunx sar appell fil-qrati l-għolja kontra l-ordni li tkun inħarġet fl-ewwel istanza jew, fl-aħħar, meta id-dritt li jista' jiġi infurzat ma jieħux il-forma ta' ordni (ittra, biljett negozjabli, ċekk jew dokument ta' infurzar ieħor).

#### 4.5. Ġurisdizzjoni tal-qorti

4.5.1. Sa ċertu punt, il-kwistjoni tal-ġurisdizzjoni tal-qorti li tikkunsidra u toħroġ ordni protettiva hija wkoll riżolta minn dak li hemm fuq. Il-qorti li għandha ġurisdizzjoni ovvjament għandha r-responsabbiltà li tittratta mal-każ prinċipali, minn meta l-azzjoni/l-infurzar ikun diġà seħħ.

4.5.2. Madankollu l-qorti ta' l-Istat fejn ikun hemm depożitati l-kontijiet tal-bank ukoll għandu jkollha ġurisdizzjoni, jekk l-ordni tiġi rikjesta qabel ma' l-azzjoni/l-infurzar tinbeda. F'dan il-każ, però, irid jiġi żgurat li, malli l-azzjoni prinċipali/l-infurzar jiġu proposti, ir-responsabbiltà għall-ordni protettiva li tkun inħarġet tgħaddi għall-qorti li għandha ġurisdizzjoni fuq il-każ prinċipali. Anke jekk taqa' taħt ġurisdizzjoni nazzjonali oħra, il-qorti ta' l-aħħar għandha taċċetta dan mingħajr ma teħtieġ proċess ta' rikonossiment <sup>(12)</sup>.

#### 4.6. Kundizzjonijiet għall-ħruġ ta' ordni

4.6.1. Hemm bżonn intrinsiku li jiġi żgurat li l-**kundizzjonijiet** li l-Kummissjoni ġustament tiddefinixxi f'punt 3.2 tal-Green Paper — "*fumus boni iuris*" u "*ericulum in mora*" — jiġu *sudisfatti*. Madankollu, jekk ordni tal-qorti jew tip ieħor ta' dritt ta' infurzar diġa nħarġu, ikun meħtiġ biss prova ta' "*periculum in mora*", fi kliem ieħor, ta' bżonn urġenti għall-ordni ta' sekwestru.

4.6.2. Kundizzjoni addizzjonali sabiex tinħareġ ordni tista' tkun il-prova li l-kreditur għamel sforzi raġjonevoli sabiex jirkupra d-dejn bi qbil mad-debitur u mingħajr ma fittex l-intervent tal-qrati.

4.6.3. In-nuqqas tal-ħtieġa ta' **smiġh minn qabel** tad-debitur huwa essenzjali jekk l-ordni ser tkun effettiva. Madankollu, din tista' timxi id f'id ma' **dispożizzjoni ta' garanzija, li tista' tiġi stabbilita mill-imhalef**, fl-livell adegwat sabiex ikopri kwalunkwe telf jew ħsara jekk il-miżura titwarrab waqt il-proċeduri prinċipali jew l-appell (jekk dan ma jkollux l-effett ta' sospensjoni)

#### 4.7. Ammont li jrid jiġi żgurat u eżenzjonijiet

4.7.1. L-ammont li jrid jiġi żgurat mill-ordni ma jistax jaqbeż is-somma li allegatament hija dovuta u għadha ma tħallsitx, kif ukoll dak ta' l-interessi għan-nuqqas ta' ħlas (kemm jekk kun-

trattwali jew legali) li jimmuturaw saż-żmien li ssir l-applikazzjoni ta' l-ordni ta' l-infurzar.

4.7.2. Fil-kuntest ta' proċeduri kawtelarji, li huma inevitabbilment proviżorji, u minħabba fis-serjetà tal-fatt li somom ta' flus jiġu ffriżati fil-kontijiet bankarji, il-Kumitat ma jikkunsidrax li hija ħaġa leġittima li jiġu inklużi somom oħra, b'mod speċifiku li jkopru pagamenti ta' interessi futuri, l-ispejjeż ta' l-avutkati, spejjeż bankarji, spejjeż legali, eċċ.

4.7.3. Il-Kumitat huwa konxju li l-implimentazzjoni ta' dit-tip ta' sistema jista' joħloq spejjeż addizzjonali għall-banek. Ma jqisx li huwa leġittimu, però, sabiex tinkludi dawn l-ispejjeż fis-somom li għandhom jiġu ffriżati fi kwalunkew kont bankarju fisem l-allegat id-debitur. L-arranġament għall-ispejjeż bankarji u sabiex dawn jiġu rkuprati mingħand il-kredituri li jużaw din il-proċedura għandha titħalla f'idejn il-leġislażzjoni nazzjonali. Dawn l-ispejjeż għandhom jiġdiedu mal-ħlasijiet ta' l-ispejjeż tal-qorti, li jiġu ddeterminati fl-aħħar tal-proċess.

4.7.4. L-istrument tal-Komunità għandu jiddeċiedi wkoll il-parametri sabiex jiġu delimitati l-eżenzjonijiet mill-esekuzzjoni sabiex jippermettu lid-debitur (jekk id-debitur huwa individwu privat u mhux negozju) li jipprovdi għall-bżonnijiet bażiċi tiegħu u tal-familja tiegħu, peress li ordni ta' infurzar tista' tpoġġi dan friskju.

4.7.5. Wara li l-ordni protettiva tinħareġ, il-bank għandu jinforma l-qorti b'xi limiti għall-konformità ma' l-ordni tas-sekwestru, skond in-natura tal-kont tad-debitur (kont kurrenti, savings, ipoteka, eċċ), in-natura tad-dħul jew qligħ imħallas fih (pagi, miżati professjonali, salarji, pensjonijiet u anwitajiet, pagamenti tas-sigurtà soċjali, eċċ.) u n-natura tan-nefqa assoċjata mal-kont (ipoteka, ħlas tal-karozza, kera, kreditu lill-konsumatur, ikel għall-familja, eċċ), skond il-liġi tal-pajjiż fejn il-kont tal-bank jin-sab miftuħ u safejn il-bank għandu din l-informazzjoni.

#### 4.8. Kontijiet ta' partijiet terzi

4.8.1. Bl-istess mod, ma jidher li hemm l-ebda ġustifikazzjoni sabiex l-ambitu għal ordni protettiva jitwessa sabiex ikopri kontijiet bankarji fisem persuni terzi. Fil-każ li mhuwiex possibbli li jiġi identifikat b'mod preċiż liema propozzjoni tal-flus fil-kont huma tad-debitur, għandu jiġi kkunsidrat li kull persuna għandha sehem indaqs.

4.8.2. M'huwiex aċċettabbli l-anqas li diversi kontijiet jiġu sekwestrati sabiex ikopru l-istess ammont, għalkemm wieħed irid jammetti li m'hemm soluzzjoni faċli meta jkun hemm kontijiet f'pajjiżi differenti: kull qorti li għandha ġurisdizzjoni tista' tintalab li toħroġ ordni, mingħajr ma tkun taf li l-istess ordni ġiet mitluba band'oħra. Il-problema tibqa' sakemm il-proċeduri kollha jiġu ġestiti b'mod ċentrali mill-qorti li għandha ġurisdizzjoni li tisma' l-każ prinċipali.

<sup>(12)</sup> Ara deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar Van Uden Maritime B.V tas-17.11.1998 — Każ C-391/95 (Rapporti tal-Qorti Ewropea 1998, paġna I-07091).

4.8.3. Għalhekk tidher ħaġa opportuna li flimkien ma din l-inizjattiva, ikun hemm obbligi ċari li l-parti li qiegħda tapplika għas-sekwestru u l-banek li huma soġġetti għall-ordni protettiva **jipprovdu l-informazzjoni**, kif ukoll id-dmir tal-banek u l-qrati fl-Istati Membri differenti li jikkooperaw, filwaqt li jirrispettaw kompletament ir-regoli dwar il-kunfidenzjalità, il-protezzjoni tad-data u is-segretezza bankarja, kif hemm indikat għustament fl-istudju li fuqu hija bbażata l-Green Paper.

4.8.4. Jista' jiġi deċiż, per eżempju, li l-flus li jinqabdu jiġu ridotti *ex-post* u f'perjodu qasir li jkun speċifikat, malli l-informazzjoni mill-banek differenti tinġabar, jekk ikun hemm aktar minn wieħed involut.

#### 4.9. Garanziji għall-protezzjoni tad-debitur.

4.9.1. Huwa kruċjali li l-protezzjoni tad-debitur tiġi mħarsa, billi jiġi/tiġi pprovdut/a **bil-mezzi sabiex tikkontesta l-ordni ta' infurzar fi żmien raġjonevoli** — li l-Kumitat jissuġġerixxi li jkun ta' l-anqas 20 ġurnata tal-kalendarju — sabiex juri:

- in-nuqqas ta' eżistenza, totali jew parzjali tad-dejn;
  - in-nuqqas ta' "*periculum in mora*";
  - li l-ammont maqbud mhux korrett;
  - li l-ħtiġijiet vitali tad-debitur jew tal-familja tiegħu/tagħha (fil-każ ta' individwu privat) huma mhedda b'din il-miżura.
- 4.9.2. Għal dan il-għan, għandha ssir dispożizzjoni għad-debitur sabiex jiġi notifikat mill-qorti li għandha ġurisdizzjoni malli jiġi aċċertat li hemm fondi biżżejjed fil-kont sabiex jiġi ffrizāt l-ammont li allegatament huwa dovut. Il-bank ikkonċernat għandu jagħti l-istess informazzjoni lid-debitur malli l-kont jiġi ffrizāt, b'konformita mal-kundizzjonijiet imposti mill-qorti.

4.9.3. L-istrument tal-Komunità għandu wkoll jistipula **l-mezzi ta' protezzjoni u r-raġunijiet jew il-bażi għall-appell**, b'hekk dawn jiġu armonizzati fil-livell Komunitarju, sabiex jiġi żgurat li s-sitwazzjonijiet jkunu trattati b'mod ugwali minn kull ġurisdizzjoni kompetenti u li l-mezzi ta' protezzjoni jkunu identiċi. Kwistjoni importanti tkun li tiġi ddeterminata n-natura ta' l-appell (kemm jekk hu sospensorju jew le) u l-qorti li għandha ġurisdizzjoni li tisma' l-każ, meta l-qorti li toħroġ l-ordni u l-qorti li tisma' l-azzjoni prinċipali jaqgħu taħt ġurisdizzjonijiet nazzjonali differenti.

4.9.4. Huwa importanti wkoll li jkun hemm **limitu ta' żmien** sa meta ssir it-talba prinċipali jew applikazzjoni għal *exequatur*, li tibda mill-ġurnata li fiha l-kreditur jiġi infurmat bl-ordni ta' infurzar. Il-Kumitat jaħseb li l-iskadenza ta' 60 ġurnata tal-kalendarju tkun raġjonevoli, irrispettivament mill-deċiżjoni li toħroġ ordni protettiva.

#### 4.10. L-istrument Komunitarju u n-natura tiegħu

4.10.1. Fil-Green Paper tagħha, il-Kummissjoni m'hijiex ċara dwar liema strument legali beħsiebha tuża sabiex timplimenta l-inizjattiva tagħha. Fid-dawl ta' l-għanijiet mixtieqa u b'ħala mezz li jiġi żgurat li l-proċeduri jkunu identiċi fl-Istati Membri differenti, il-KESE jikkunsidra li l-istrument għandu jieħu l-forma ta' **regolament**, kif diġà japplika għal strumenti oħra simili fil-kuntest taż-żona ġuridika Ewropea.

4.10.2. Kwistjoni differenti iżda relatata mill-viċin magħha hija dik ta' l-ambitu. Jekk il-miżura titqies neċessarja, il-Kummissjoni tista' — kif għamlet għal strumenti oħra identiċi — tagħmel il-proċedura applikabbli biss għall-każijiet trans-konfinali u tagħmilha opzjonali (it-28 reġim), billi tippermetti lill-kredituri li jagħżlu bejn strument Komunitarju armonizzat u l-għażla eżistenti li jintużaw id-dispożizzjonijiet li japplikaw fil-liġi privata internazzjonali.

#### 4.11. Spejjeż

Il-KESE jissuġġerixxi li r-regoli li jiggvernaw l-ispejjeż isegwu dawk li diġà huma stabbiliti f'Artikolu 7 tar-Regolamenti (KE) Nru 805/2004, bi kwalunkwe tibdil li huwa meħtieġ<sup>(13)</sup>.

## 5. Kummenti Speċifiċi

5.1. Fir-rigward ta' kwistjonijiet ta' forma biss, il-Kumitat jaqbel li l-proċedura *exequatur* għandha tiġi abolita minn deċiżjoni li toħroġ ordni protettiva, hi liema hi l-qorti li għandha ġurisdiżjoni.

5.2. Il-Kumitat jikkunsidra wkoll li r-regoli dwar in-notifika tal-qorti lill-bank u lid-debitur allegat m'għandhiex ikollha formalitajiet żejda, sakemm tiġi żgurata l-awtentiċità ta' l-istrument u l-identità tad-debitur. Ir-regoli li diġà huma stipulati fir-Regolament (KE) Nru 1348/2000/jidhru adattati hawnhekk<sup>(14)</sup>. L-identifikazzjoni tal-kontijiet li għandhom jiġu ffriżati għandhom ikunu kemm jista' jkun kompleti, sabiex tiġi evitata ordni ta' sekwestru ġenerika.

5.3. Il-Kumitat jikkunsidra wkoll li l-ordni maħruġa mill-qorti għandha tkun infurzata mill-bank taħt it-termini deċiżi mill-qorti, filwaqt li tiġi mħarsa kull operazzjoni leġittima li tkun diġà qiegħda sseħħ, bħal impenji li ttieħdu minn qabel garantiti bl-ittri, biljetti negozjabbli jew ċekkijiet, u obligazzjonijiet lil kredituri preferenzjali bħall-Istat, l-awtoritajiet tas-sigutà soċjali jew impjegati. Fi kwalunkwe każ, il-bank għandu jkun responsabbli għal bilanċ fil-kont fid-data li jirċievi l-ordni ta' sekwestru u għandu jiżgura li l-kont jiġi ffrizāt awtomatikament malli l-ordni tasal, anke permezz ta' mezzi elettroniċi, jekk barra mill-ħinijiet tax-xogħol. Il-bank għandu jinżamm responsabbli għal kwalunkwe negliġenza fl-għejbien ta' somom li jiċċaqalqu minn dak il-ħin.

<sup>(13)</sup> Artikolu 7 jiddikjara li "Fejn sentenza tinkludi deċiżjoni li tista' tiġi nfużata fuq l-ammont tan-nefġiet li jirrelataw mal-proċeduri tal-qorti, inklużi r-rati ta' imgħax, din għandha tiġi ċċertifikata b'ħala Ordni Ewropew ta' Infurzar ukoll fir-rigward tan-nefġiet kemm-il darba d-debitur ma jkunx speċifikament oġġezzjona għall-obbligu tiegħu li jgħorr dawk in-nefġiet fil-kors tal-proċeduri tal-qorti, skond il-liġi ta' l-Istat Membru ta' l-oriġini."

<sup>(14)</sup> Regolament (KE) Nru 1348/2000 tad-29.5.2000 fil-ĠU L 160, 30.6.2000.

5.4. Il-Kumitat jaqbel li l-banek għandhom jiġu miżmuma li jinformaw lill-qorti minnufih, b'mezzi elettroniċi jew b'mezzi oħra ta' komunikazzjoni, dwar kif ikkonformaw ma' l-ordni.

5.5. Il-liġi tal-Komunità m'għandiex tiffissa regoli dwar kif il-kredituri li qegħdin jikkompetu għall-istess kont għandhom jinnizzlu l-ordni prioritarju. Il-Kumitat jiffavorixxi l-applikazzjoni tal-leġislazzjoni nazzjonali.

5.6. Il-Kumitat iqis li l-infurzar prattiku ta' l-ordni għandu jkun iggvernat mill-liġi tal-pajjiż li għandha ġurisdizzjoni fuq

dan, b'konformità mar-regoli ġenerali applikabbli dwar is-soluzzjoni tat-tilwim.

5.7. Fl-aħħar, il-Kumitat jixtieq jiġbed l-attenzjoni tal-Kummissjoni b'mod partikolari għall-ħtieġa li ssir dispożizzjoni għal mekkaniżmu għat-traduzzjoni tad-dokumenti marbuta mat-tħaddim tas-sistema proposta, fuq il-linji tal-mekkaniżmu stabbilit taħt l-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1896/2006 tat-12 ta' Diċembru 2006.

Brussell, is-26 ta' Settembru 2007.

Il-President

tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Dimitris DIMITRIADIS

## Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Is-semplifikazzjoni tal-kuntest legiŝlattiv fis-settur tal-makkinarju"

(2008/C 10/03)

Fit-8 ta' Jannar 2007 il-Viċi-Presidenti tal-Kummissjoni Ewropea Margot Wallström u Günter Verheugen talbu lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew sabiex iħejji Opinjoni esplorativa dwar: *Is-Semplifikazzjoni tal-kuntest legiŝlattiv fis-settur tal-makkinarju*.

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar it-18 ta' Lulju 2007. Ir-rapporteur kien is-**Sur lozia**.

Matul l-438 sessjoni plenarja tiegħu li nżammet fis-26 u s-27 ta' Settembru 2007 (seduta tas-26 ta' Settembru), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-opinjoni b'138 voti favur, 2 voti kontra u 3 astensjonijiet.

### 1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1 L-industrija mekkanika Ewropea hija fl-avangwardja u għandha importanza strateġika għall-ekonomija Ewropea. Fl-2006, id-dħul iġġenerat ammonta għal diversi mijiet ta' biljuni ta' euro minn aktar minn 130 000 ditta li jespertaw terz tal-produzzjoni tagħhom. L-industrija mekkanika u dik elettromekkanika jimpjegaw 'il fuq minn 4 miljun ħaddiem u ħaddiema fl-Unjoni, b'valur miżjud għoli u livell għoli ta' konossenza.

1.2 L-industrija mekkanika u elettromekkanika, iktar minn industriji oħra tista' tippermetti li jintlaħqu l-miri ta' l-Aġenda ta' Lisbona, permezz ta' l-iżvilupp tat-taħriġ tul il-ħajja kollha, ta' l-iskambju ta' l-esperjenzi u ta' prattiċi tajbin, iż-żamma ta' l-ogħla livell tal-kapaċità kompetittiva tiegħu, u l-kapaċità tagħha li tidħol fl-iswieq mondjali.

1.3 Il-Kumitat jappoġġja l-inizjattivi tal-Kummissjoni li huma intiżi li jsaħħu l-kompetittività tas-settur, li jtejbju l-qafas ġuridiku ta' riferiment, permezz ta' regolamentazzjoni li hija aħjar u aktar effettiva, li tqis ir-realtajiet tas-settur, li huwa kkaratterizzat minn għexieren ta' għeluf ta' intrapriżi żgħar u ta' daqs medju. Ta' l-

anqas għal dan is-settur, legiŝlazzjoni aħjar ma tffissirx nuqqas ta' legiŝlazzjoni, iżda li toffri qafas stabbli, ċar u implimentazzjoni tar-regolamenti li hija faċli, bl-inqas spejjeż amministrattivi possibbli.

1.4 Il-Kumitat jesprimi s-sodisfazzjon tiegħu għall-fatt li l-Kummissjoni talbitu jagħmel din il-biċċa xogħol delikata li jindivida, bl-aktar qbil wiesa' possibbli, l-oqsma fejn il-legiŝlazzjoni Komunitarja għandha tiġi ssemplifikata, fil-kuntest ta' l-attivita- jiet li wasslu lill-korpi legiŝlattivi sabiex jiżviluppaw legiŝlazzjoni aħjar u aktar sempliċi.

1.5 Il-Kumitat jinnota li bħalissa għaddejjin diversi inizjattivi ta' legiŝlazzjoni li jinteressaw lis-settur: hemm bżonn li jiġu bbi-lanċjati l-interessi varji li hemm fin-nofs, dawk ekonomiċi, soċ- jali u ambjentali. Il-ħolqien tas-suq intern ma jistgħax jidħol f'kunflitt ma' kunsiderazzjonijiet oħra li jistħoqqilhom attenzjoni kbira, bħas-saħħa, is-sigurtà tal-ħaddiema, il-protezzjoni tal-kon- sumaturi u l-ħarsien ta' l-ambjent, fil-kuntest tal-miri ta' l-aġenda ta' Lisbona. Fl-opinjoni tal-Kumitat hemm bżonn ta' strateġija integrata u koordinata ta' l-inizjattivi differenti.